# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1162/2015 JVC**

**Indri Abela (id 147458M)**

**vs**

**Pawlu Piscopo (id 141162M) u b'digriet tas-16 ta' Frar 2016 gie kjamat in kawza Darren Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Indri Abela kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi r-rikorrent gie inkarigat mill-intimat sabiex jesegwixxi xi xoghol lilu kif ukoll li l-istess rikorrenti biegh u ssuplixxa numru ta' oggetti lill-istess intimat liema jaghmlu s-somma komplessiva ta' tmienja u ghoxrin elf erbgha mija u hamsa u erbghin ewro u sebghin centezmu (€28,445.70c) kif ukoll s-somma ta' hames-t-elef mija u ghoxrin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€5,120.23c) rapprezentanti hlas tal-VAT komplessivament tlieta u tlettin elf hames mija u hamsa u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu (€33,565.93) u dan skond fattura mahruga fl-1 ta' Marzu 2011 (document AS1).

Illi dawn l-oggetti jikkonsistu fis-somma ta' elfejn erba' mija u hamsa u erbghin ewro u sebghin centezmu (€2,445.70c) rappresentanti hames mitt ewro bilanc ta' bejgh ta' Truck tal-marka DAF, mitejn u hamsa u tlettin ewro (€235) rappresentanti bejgh ta' zewg batteriji 100AH, sittin ewro (€60) rappresentanti hmistax-il litru (15) litru Zejt 15.40, mitejn u tletin ewro (€230) ta' 'starter' DAF LF, tmintax-il ewro (€18) ta' Filter Oil LF, tmintax-il ewro u hmistax-il centezmu (€18.50c) ta' Filter Fuel LF, hamsa u ghoxrin ewro (€25) rappresentanti ghaxar (10) litri Radiator Water, disa u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€49.20c) u rappresentanti 'Air Cleaner LF@, hames mitt ewro (€500) ta' zewg batteriji 220 AP, tlett mija u sittin ewro (€360) ta' 4 batteriji 75Ah, tlett mija u sebghin ewro (€370) ta' zewg batteriji 180 AH, u tmenin ewro (€80) ta' tlett Fan Belts kif ukoll ta' seba-t-elef ewro (€7,000) bejgh ta' Forklifter, tnax-il elf ewro (€12,000) bejgh ta' zewg generators 37-5KVA li wiehed gie irtirat wara certu zmien mill-klijenti taghna minn abbord l-bastiment, kif ukoll zewg Freezers fl-ammont ta' erbatax-il-elf ewro (€14,000).

Illi l-partijiet dahlu f'negozjati tul dawn l-ahhar xhur sabiex jipprovaw jirrisolvu din il-pendenza pero' l-partijiet baqu ma

waslux anki jekk l-imsemmi intimat kienet qieghed jaccetta li hemm ammonti li kellu jhallas zgur.

Illi l-imsemmi intimat gie interpellat sija b'ittri interpellatorji, ufficjali kif ukoll gew presentati mandat ta' inibizzjoni numru 1557/2015AF kif ukoll dak ta' arrest ta' bastiment numru 945/2015AF pero huwa baq ma hallasx ebda ammont.

**Ragunijiet tar-rikors u tat-talbiet.**

a. Illi bl-imsemmi agir, l-konvenut intimat baqa ma hallasx lill-esponenti li jippretendi li ghandu jithallas ta l-ammonti hawn fuq indikati u specifikati.

b. Illi l-esponenti rikorrenti jhoss li ma hemmx ragunijiet fil-ligi sabiex jigi michud lilu l-hlas u ghalhekk qieghed jipprocedi b'dawn l-proceduri biex jitlob l-hlas.

**Talbiet.**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut intimat ghandu jhallas lill-attur rikorrenti s-somma s-somma komplessiva ta tlieta u tlettin elf hames mija u hamsa u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu (€33,565.93c) rappresentanti tmienja u ghoxrin elf erbgha mija u hamsa u erbghin ewro u hamsin centezmu (€28,445.50c) bejgh u konsenja u xoghol li sar lill-intimat mir-rikorrenti u kif ukoll s-somma ta' hames-t-elef mija u ghoxrin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€5,120.23c) rappresentanti hlas tal-VAT u dan skont fattura mahruga fl-1 ta' Marzu 2011 (document AS1).

2. Tikkundanna lill-konvenut intimat sabiex jħallas l-ammont ta' tlieta u tlettin elf ħames mija u ħamsa u sittin ewro u tlieta u disgħin ċentezmu (€33,565.93c) flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mill-1 ta' Marzu 2011.

Bl-ispejjeż u inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji u ittra uffiċjali datata 30 ta' April 2015 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1557/2015AF u tal-Mandat tal-Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 945/2015 u l-intimat jkun ngunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Pawlu Piscopo li eċċepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok għandu jiġi kjamat fil-kawża Darren Debono illi huwa effettivament il-kumpratur ta' parti mill-makkinarju illi għalih qed jintalab ħlas mingħand l-esponent, b'mod partikolari wieħed mill-*generators* reklamati illi ġie mixtri mingħand l-istess Debono u kkunsinjat u installat fuq il-bastiment ta' Debono u allura għal dan il-merċe partikolari, għandu jirrispondi Darren Debono.

2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Piscopo ma għandux jiġi kkundannat iħallas is-somma reklamata mir-rikorrenti Abela għat-tieni generator stante li dan jinsab għand Abela stess kif anke xehed bil-ġurament fi proċeduri ġudizzarji oħra.

3. Illi l-intimat Piscopo huwa dispost illi jħallas il-merċe minnu mixtrija iżda mhux merċe illi tinsab għand terzi.

4. Illi lanqas ir-rikorrent mhux car dwar l-ammont illi ghandu jithallas stante illi fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1557/2015 AF fl-istess ismijiet, bil-gurament tieghu ir-rikorrent Indri Abela iddikjara illi huwa kreditu ta' l-intimat fl-ammont ta' "*sitta u ghoxrin elf u hamsa u sittin ewro bilanc minn somma akbar fuq nejgh u konsennja ta' merkanzija varja*", mentri u permezz tar-rikors guramentat de quo, xied is-somma konsiderevolment u qed jitlob il-kundanna tal-hlas tas-somma tlieta u tletin elf, hames mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€33565.93c)

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi.'

Rat l-affidavits, xiehda, 'invoice', dikjarazzjoni, cedola ta' depozitu, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2016 riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, Dr Carmelo Mifsud Bonnici m'opponiex u ghalhekk il-Qorti ordnat l-kjamat in kawza ta' Darren Debono u ordnat li ssir tali korrezzjoni fl-atti tal-kawza;

Rat in-nota tar-rikorrenti Indri Abela ntavolata nhar is-26 ta' Settembru, 2016 fejn permezz taghha nforma lill-Qorti li fil-mori tal-proceduri huwa rcieva l-pagament ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) akkont tal-ammont dovut u ghalhekk irriduca t-talba b'dan l-ammont;

Rat illi l-kjamat in kawza ma ntavolax risposta guramentata u ghalhekk fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti ddekretat li huwa kontumaci;

Rat illi fil-verbal datat 4 ta' Frar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent Indri Abela qed jitlob li jigi dikjarat li l-intimat Pawlu Piscopo huwa debitur tas-somma ta' €33,565.93 rapprezentanti s-somma ta' €28,445.50 bejgh, konsenja u xoghol li sar lill-intimat mir-rikorrenti u l-ammont ta' €5,120.23 hlas tal-VAT u dan skont fattura li giet esebita fl-atti a fol. 4 tal-process. Ir-rikorrenti jitlob ukoll li konsegwentament l-intimat jigi kkundannat sabiex ihallas l-ammont indikat flimkien mal-imghaxijiet relattivi mill-1 ta' Marzu, 2011.

L-intimat Pawlu Piscopo eccepixxa billi fl-ewwel lok talab il-kjamata fil-kawza ta' certu Darren Debono li skontu huwa dan Debono l-kumpratur ta' wiehed mill-'generators' li gie lilu kkunsinjat u nstallat u li tieghu qed jintalab il-hlas minghand l-intimat. Jeccepixxi wkoll li hu m'ghandux jigi kkundannat ihallas ghat-tieni 'generator' meta dan jinsab ghand ir-rikorrenti Abela hekk kif huwa stess xehed bil-gurament fi proceduri gudizzjarji ohra. L-intimat jghid li huwa dispost li jhallas ta' merce minnu mixtrija izda mhux merce li tinsab ghand terzi. Finalment eccepixxa li lanqas m'huwa car l-ammont ezatt li huwa dovut stante li fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1557/2015 AF l-ammont hemm reklamat kien dak ta' €26,065 mentri fil-kawza odjerna l-ammont reklamat huwa dak ta' €33,565.93.

**L-ewwel eccezzjoni:**

L-intimat Pawlu Piscopo fl-ewwel eccezzjoni tieghu jeccepixxi li ghandu jigi kjamat in kawza Darren Debono li huwa l-kumpratur ta' parti mill-makkinarju li tieghu qed jintalab il-hlas. Jindika dan il-makkinarju bhala 'generator' li gie kkunsinjat u installat fuq il-bastiment ta' Debono u ghalhekk jishaq li ghal hlas ghandu jirrispondi l-istess Darren Debono.

Dwar din l-eccezzjoni fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2016 a fol. 15 tal-process Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti ma oggezzjonax u ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex ordnat il-kjamat in kawza ta' Darren Debono u ordnat il-korrezzjoni opportuna fl-atti.

Il-kjamat fil-kawza Darren Debono gie debitament notifikat, madanakollu ma ntavola l-ebda risposta guramentata. Ghalhekk fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 gie dikjarat kontumaci.

Fid-dawl li jirrizulta li effettivament saret il-kjamat fil-kawza ta' Darren Debono din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara din l-ewwel eccezzjoni bhala sorvolata.

**Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:**

Illi l-kawza odjerna titratta talba ghal hlas tas-somma ta' €33,565.93 li jirrapprezentaw is-somma ta' €5,120.23 VAT filwaqt li s-somma ta' €28,445.70 jirrapprezentaw is-segwenti:

i. €500 – bilanc ta' bejgh ta' Truck tal-marka DAF;
ii. €235 – bejgh ta' zewg batteriji 100AH;
iii. €60 – 15 il-litru zejt 15.40;
iv. €230 – starter DAF LF;
v. €18 – filter oil LF;
vi. €18.50 – filter fuel LF;
vii. €25 – ghaxar litri Radiator Water;
viii. €49.20 – air cleaner LF@;
ix. €500 – zewg batteries 220 AP;
x. €360 – erba' batteriji 75AH;
xi. €370 – zewg batteries 180AH;
xii. €80 – tlett fans belts;
xiii. €7,000 – bejgh ta' forklifter;
xiv. €12,000 – bejgh ta' 2 'generators' 37-5KVA;
xv. €7,000 – 2 rizers Zarrier.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li bejn l-'invoice' li giet prezentata fl-atti a fol. 4 tal-process u l-premessa fit-tieni paragrafu – fejn hemm indikat l-ammont dovut spezzettat f'diversi xoghlijiet u oggetti hemm diskrepanza ta' somma akbar ta' €7,000. Il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni ghal kjarezza u xejn aktar, stante li effettivament dak indikat fit-tieni premessa mhux ser jaghmel differenza kkunsidrat li l-ammont tat-talba (li huwa dak l-ammont li l-Qorti ser timxi mieghu) jaqbel ezattament mal-invoice a fol. 4 tal-process. Il-Qorti tippressupponi li gara huwa li bi zball genwin fejn l-ammont tal-oggett fl-ahhar paragrafu tal-premessa ndikat bin-numru ruman xv. 2 rizers Zarrier gie ndikat ghal erronjament bhala €14,000 flok €7,000.

Jinghad ukoll li l-intimat Pawlu Piscopo fl-affidavit tieghu a fol. 53 *et seq* tal-process jittenta jargumenta wkoll li l-oggetti nxtraw mill-kumpanija Mediterranean Samac Company u mhux minnu

personalment. Madanakollu sussegwentament fin-nota ta' sottomissjonijiet intavolata nhar id-19 ta' April, 2021 l-intimat jiddikjara li huwa m'ghazilx li jikkontesta l-pretensjonijiet tal-attur minn dan l-aspett u ghazel biss li jikkontesta t-talba fil-mertu biss. Il-Qorti tinnota li l-intimat donnu kien qieghed jittenta jqajjem eccezzjoni gdida - li mhux il-legittimu kontraddittur, madanakollu minhabba l-fatt li tali eccezzjoni ma gietx inkorporata fir-risposta guramentata f'kull kaz il-Qorti ma tistax legalment tiehu konjizzjoni taghha.

Dan premess, l-intimat Pawlu Piscopo jilqa' ghal din it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €33,565.93 principalment fuq zewg (2) binarji.

i. L-ewwel binarju huwa li huwa lest li jhallas dak li hu minnu dovut biss u mhux dak li hadu terzi persuni:-

Dwar din l-eccezzjoni l-intimat Pawlu Piscopo jghid illi l-ammont minnu dovut huwa dak ta' €15,000, liema ammont gja thallas u di fatti giet prezentata nota ghar-riduzzjoni ta' dan l-ammont fil-mori tal-kawza (ara nota ta' riduzzjoni a fol. 23 tal-process).

Jirrizulta mill-atti li l-vertenza bejn il-partijiet hija kif isegwi:

1. it-tieni freezer tal-marka Rizer ZARRIER - li allegatament ittiehed mill-kaptan tal-bastiment Nour El Mustafa Eldamiatti u mhux mill-intimat; u,

2. iz-zewg 'generators' 37-5KVA - fejn wiehed allegatament inxtara minn certu Darren Debono u l-iehor ittiehed lura mill-attur Indri Abela.

Illi da parti tar-rikorrent Indri Abela fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jissottometti li l-fatt li l-intimat ghamel il-pagament ta' €15,000 minghajr ma ghamel riservi u minghajr m'ghamel indikazzjoni tad-debitu li qieghed jithallas u sar minnu personalment ifisser l-esekuzzjoni u accettazzjoni tal-obbligazzjoni.

Illi mill-atti, u minn nota nfisha, jirrizulta li l-hlas tal-ammont ta' €15,000 sar waqt il-mori tal-kawza. Ghalhekk ma jistax jigi argumentat li bil-hlas saret accettazzjoni tal-obbligazzjoni stante li fl-eccezzjonijiet tieghu l-intimat Pawlu Piscopo kien gja eccepixxa li huwa lest li jhallas pero' unikament lest li jhallas ta' oggetti u xoghol li hu dovut minnu u mhux minn terzi. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' dak argumentat mill-attur Indri Abela.

Illi dwar it-tieni freezer, l-intimat fl-affidavit tieghu a fol. 53 *et seq* tal-process jghid li dan ma giex akkwistat mill-kumpanija pero' mill-kaptan tal-bastiment Nour El Mustafa Eldamiatti. F'dan il-kaz l-intimat Pawlu Piscopo ma talabx li jkun hemm il-kjamat fil-kawza tal-kaptan tal-bastiment imsemmi. Bhala provi kull ma ressaq l-intimat kienet ix-xiehda tieghu u xejn aktar. Il-Qorti temmen li kieku huwa minnu li l-involviment tal-intimat fix-xiri tal-freezer kien unikament li ssuggerixxa lill-kaptan tal-bastiment bhal ma qal illi '*…kien gie jghidli li ried jixtri freezer u ghalhekk kont ssuggerejtlu lill-Indri Abela.*', ir-rikorrent ma kienx jaddebita l-ammont tal-freezer fuq il-kont tal-intimat, pero' kien jaddebitah fuq il-kont tal-kaptan. Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti fil-kontro-ezami tieghu cahad diversi drabi li huwa qatt ghamel xi transazzjoni ma' persuni ohra, partikolarment ta' nazzjonalita' Gharbija u mhux mal-initmat Pawlu Piscopo. Il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet kompletament kontrastanti u stante li l-intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja dak allegat

minnu ghajr il-kelma tieghu, msahha wkoll mill-fatt li fir-rigward tal-'generator' l-intimat talab il-kjamat fil-kawza izda fuq dan il-'freezer' ma ghamilt hemm, il-Qorti temmen il-verzjoni tar-rikorrenti u mhux tal-intimat. Temmen ghalhekk li dan gie kkonsenjat fuq talba tal-intimat u konsegwentement x'arrangamenti kellu l-intimat ma' terzi ma ghandu x'jaqsam xejn ir-rikorrent.

Illi dwar wiehed minn zewg 'generators' u cioe' dak l-intimat jghid li ma nxtarax minnu imma minn Darren Debono, l-intimat talab il-kjamat fil-kawza tieghu. Jirrizulta li l-istess Darren Debono gie notifikat madanakollu huwa baqa ma rrispondiex ghal kawza u ghalhekk gie dikjarat kontumaci (ara digriet a fol. 24 tal-process).

Illi r-rikorrenti fil-mori tal-kawza ttenta jtella' bhala xhud lill-imsemmi Darren Debono madanakollu dan ma setax isir stante li fil-frattemp kien gie arrestat fl-esteru (ara verbal a fol. 32 tal-process). Ir-rikorrent fl-atti izda kien lahaq prezenta dikjarazzjoni tal-istess Darren Debono a fol. 39 tal-process liema dikjarazzjoni izda mhiex iffirmata fl-original izda hija kopja u ma saritx bil-gurament. Dwar kif saret u nghatat din id-dikjarazzjoni, fis-seduta tal-24 ta' April, 2018 xehed l-Avukat Dr Carmelo Mifsud Bonnici a fol. 49 tal-process fejn qal illi:

> '***Xhud :***
> Nirreferi ghall-istqarrija li hemm esebita ma' l-affidavit ta' Indri` Abela fejn hemm stqarrija rilaxxata minn Darren Debono. Irrid nghid illi Darren Debono gie ghandi l-ufficju u quddiem il-klient tieghi rrilaxxa dik l-istqarrija. Dak huwa l-kliem illi hu qal lili; jien ergajt qrajtu lura lilu. Tajtu d-dokument u hu ffirmah u tajt kopja lilu.

> Ovvjament billi minhiex – ma ghandix il-poter ta' kummissarju biex naghti il-gurament jien ma tajtux il-gurament, pero` kellna ftehim li jigi l-qorti u jikkonfermah bil-gurament. Sussegwentament l-eventi iddettaw mod iehor. Dan li ghandi xi nghid Sinjura Mhallef.'

Jirrizulta ghalhekk li din hija l-ahjar prova li r-rikorrenti seta' jressaq fl-atti fic-cirkustanzi. Minn din id-dikjarazzjoni johrog li ghalkemm huwa minnu li l-'generator' gie konsenjat lil Darren Debono, l-istess Darren Debono jghid li huwa ma kellu l-ebda rabta kuntrattwali mar-rikorrenti Abela stante li huwa ha l-'generator' bhala bilanc ta' hlas li kellu jigbor minghand l-intimat Piscopo u dan bi ftehim mal-istess intimat. Fil-fatt Darren Debono jsostni li talli hu ha l-'generator', hu qata' bilanc ta' sitt elef Ewro (€6,000) mill-kont dovut lili mill-intimat Piscopo.

Da parti tieghu r-rikorrenti jinsisti li l-ftehim dwar dan il-'generator' hu kien ghamlu ma' Pawlu Piscopo u mhux ma' Darren Debono. Il-Qorti tqis li ghal darb'ohra l-verzjoni tar-rikorrent, kif ukoll sopportata mill-provi cirkostanzjali mressqa permezz tad-dikjarazzjoni ta' Darren Debono u x-xiehda tal-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici hija dik li ghandha mill-verita'u mhux il-verzjoni tal-intimat. L-intimat jittenta japprofitta ruhu minn sitwazzjoni li hu stess dahhal lir-rikorrenti fiha sabiex jaghmel vantagg fuq l-istess rikorrent billi l-intimat ftiehem dwar tpaccija ma' Darren Debono u zeffen lir-rikorrenti fin-nofs. Jibqa' l-fatt izda li l-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat li l-ftehim dwar dan il-'generator' sar bejn ir-rikorrenti u l-intimat u l-kjamat fil-kawza izzeffen fin-nofs mill-intimat u ma kellu x'jaqsam xejn mieghu ir-rikorrent.

Illi dwar it-tieni 'generator' l-intimat Pawlu Piscopo fl-affidavit tieghu a fol. 53 *et seq* tal-process jishaq li dan kien intuza mir-rikorrenti Abela sabiex jissupplixxi d-dawl waqt xi xoghlijiet fuq il-bastiment Alexandra 1, pero' dan il-generator kien rega' ttiehed lura mill-attur Abela.

Illi r-rikorrenti Indri Abela in kontro-ezami fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2019 a fol. 61 *et seq* tal-process ikkonferma l-verzjoni tal-fatti hekk kif esposta mill-intimat Pawlu Piscopo u cioe' li wiehed mill-generators kien ittiehed lura minnu. Jixhed izda li dan l-ammont kien gie mnaqqas:

> '***Dr Andrew Saliba :***
> Mhux lill-avukat jekk joghgbok; jekk ma tiftakarx l-isem ma tiftakarx
>
> ***Ix-Xhud :***
> ….u l-iehor hadnih fuq il-lanca, ha nibdew bix-xoghol, il-lanca giet mahtufa mill-Pulizija u ma ghamilniex hames minuti xoghol bih; lanqas startjanih. U wara kellna niehdux Dr…
>
> ***Il-Qorti :***
> Ghad min?
>
> ***Dr Andrew Saliba :***
> Kellkom tiehduh …?
>
> ***Dr Carmelo Mifsud Bonnici :***
> B'rikors.
>
> ***Ix-Xhud :***

B’rikors il-qorti

***Dr Andrew Saliba :***
Jigifieri hadtuh lura jigifieri

***Ix-Xhud :***
Hadnieh wiehed.

***Dr Andrew Saliba :***
Jigifieri wiehed minn dawn il-generators li hemm imsemmijin fl-invoice hadtu lura, qieghed ghandek.

***Ix-Xhud :***
Dak hadtu lura

***Dr Andrew Saliba :***
Ghadu fil-pussess tieghek

***Ix-Xhud :***
Naqqasnihulu konna

***Dr Andrew Saliba :***
Naqqastulu kif? Jekk qieghed imnizzel fl-invoice?

***Ix-Xhud :***
Naqqasnih bil-kont mela, ghax hemmhekk ghandu l-karti kollha imma parti minnhom konna thallasna.

***Dr Andrew Saliba :***
Jigifieri ta’ wiehed minnhom, jigifieri wiehed mill-generators indikat f’dak l-invoice li jiswa’ sitt elef ewro, dak naqqastuh mill-kont. Ma ghadux parti mit-talba tieghek.

***Ix-Xhud :***
Dak kellu x'jaqsam .

***Il-Qorti :***
Wiegeb sinjur.

***Ix-Xhud :***
Kellu x'jaqsam ..

***Il-Qorti :***
Wiegeb sinjur; hemm generators fuq l-invoice ..

***Ix-Xhud***
Iva.

***Il-Qorti :***
Qed jistaqsik jekk wiehed minn dawk il-generators ta' sitt elef ewro qieghed fil-pussess tieghek.

***Ix-Xhud :***
Hadtu lura.

***Il-Qorti :***
Mela naqqasithielu mill-kont?

***Ix-Xhud :***
Nassasnihulu.

***Il-Qorti :***
Jigifieri mhux qed jidher fuq dak l-invoice?

*Ix-Xhud :*
Le issa ma ghadux jidher, jekk jidher ghax part payment.

*Dr Andrew Saliba :*
Qed jidher fuq l-invoice.

*Ix-Xhud :*
Imma jidher li mnaqqas x'imkien fuq il-karta..'

Illi gjaladarba jirrizulta li l-generator huwa fil-pussess tal-attur Indri Abela l-ammont dovut bhala hlas ghandu jigi mnaqqas mill-pretensjoni tar-rikorrenti. Il-Qorti rat l-'invoice' a fol. 4 tal-process minn fejn jirrizulta li mhux minnu li l-ammont dovut ghat-tieni – 'generator' gie mnaqqas. A kuntrarju fl-'invoice' hemm ndikat zewg 'generators' ghal valur ta' €6,000 kull wiehed. Ghalhekk il-Qorti meta tigi sabiex jikkomputa dak li huwa dovut, ghandha qabel xejn teskludi l-valur ta' wiehed mill-'generators' fis-somma ta' €6,000 u sussegwentement issir id-diminuzjoni tal-ammont ta' €15,000 - hlas li sar waqt il-mori tal-kawza.

ii. Illi bhala tieni binarju tal-eccezzjonijiet tal-intimat fl-affidavit u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat Pawlu Piscopo jaccenna wkoll ghall-fatt li huwa xtara trakk tal-ghamla DAF li allegatament kien fih hsara u ghalhekk jishaq li l-ebda hlas ma huwa dovut ta' oggetti partikolari li ntuzaw ghat-tiswija tat-trakk stante li dawn kellhom ikunu komprizi fil-prezz. Huwa jindika l-oggetti li allegatament intuzaw ghat-tiswija tat-trakk bhala li huma s-segwenti:

a. 2 batteries 100AH;
b. 15 Litres Oil 15,40;
c. Starter Daf LF;

d. Filter Oil LF;
e. Filter Fuel LF10 Liters Radiator Water;
f. Air Cleaner LF;
g. 2 Batteries 220 AP;
h. 4 Batteries 75AH;
i. 2 Batteries 75AH;
g. 2 Batteries 180AH;
k. 3 Fan Belts.

Sabiex isahhah l-argument tieghu l-intimat Pawlu Piscopo pprezenta l-affidavit ta' Christian Briffa a fol. 59 tal-process fejn ix-xhud ikkonferma li kien ghamel xi xoghol fuq trakk tal-ghamla Daf LF fuq inkarigu ta' Pawlu Piscopo. Fl-affidavit tieghu Christian Briffa kull ma ndika li kellu jigi mibdul huwa kif isegwi:

*'…iggasjar mill-gdid tal-freezer, it-tibdil tal-flexible pipes minhabba leaks, tibdil taz-zejt tal-magna u tal-kumpressur, u cineg godda.'*

Prattikament l-uniku oggetti li gew indikat mix-xhud Briffa li jaqblu ma' dak li ddikjara l-intimat Pawlu Piscopo li ntuzaw ghat-tiswija tat-trakk huwa z-zejt u cineg. Ix-xhud m'ghamilx indikazzjoni ghal batteries, starter u oggetti ohra. Lanqas taha indikazzjoni meta dawn it-tiswijiet suppost saru jekk verament saru.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li l-intimat Pawlu Piscopo ma ressaq l-ebda eccezzjoni formali f'dan is-sens u prova jressaq din l-eccezzjoni bil-mohbi fix-xiehda u s-sottomissjonijiet tieghu. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Muscat -vs- Josephine Camilleri** deciza nhar il-15 ta' Lulju 2009 fejn il-Qorti tal-Appell fir-rigward eccezzjoni mohbija f'nota ta' sottomissjonijiet qalet illi:

'In meritu ghal dan l-aggravju kif impostat l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. Ibda biex l-ghazla tal-kelma "argoment" hi wahda improprja ghal raguni illi dak sottomess mill-appellanti ma kien argument xejn imma eccezzjoni vera u proprja li l-appellanti ommettiet li tressaq formalment fil-bidu tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, trattasi ta' difiza li dwarha l-ligi procedurali tirrestringi z-zmien ghas-sottomissjoni taghha, l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma okkupatx ruhha minnha. Indipendentement minn x'tahseb jew ma tahsibx l-appellanti, certament li eccezzjoni bhal dik kienet rilevanti li titqajjem fil-bidunett tal-procediment u mhux *in extremis* jew ghaliex din il-Qorti inzertat tibghat lura l-process ghall-ezami tal-mertu tat-talba u tat-tielet eccezzjoni ghaliha. Ghalkemm din il-Qorti, fejn setghet, dejjem irrifuggiet mill-formalizmu ezagerat, minn naha l-ohra lanqas ma nkoraggiet permissivizmu ingustifikat u, anzi, ma tarax li hu sewwa illi wara li jkunu nghalqu l-provi u l-iskritturi, parti f'kawza tippretendi bi dritt li tista' tqanqal kull difiza immaginabbli fil-kors tad-dibattitu orali jew bil-miktub biex tipparalizza l-pretenzjoni ta' l-attur. Il-Qorti qed tissottolineja dan ghaliex temmen ukoll illi l-kawzi ghandu jkollhom bidu u tmiem xi darba u kawza ma tistax tithalla tipprokrastina ruhha s-snin minghajr prospettazzjoni tad-definizzjoni taghha xi darba;'

Il-Qorti taqbel ma dan ir-ragunament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u ghal finijiet ta' din il-kawza taghmlu taghha. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li la darba ma tressaqx dan l-ilment formalment permezz ta' eccezzjoni, mhux ser tinoltra ruhha oltre fuq dan l-argument.

Illi finalment, fir-raba' eccezzjoni tieghu l-intimat Pawlu Piscopo jeccepixxi li r-rikorrent mhux car dwar l-ammont illi ghandu jithallas u jaghmel referenza ghall-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1557/2015 fl-istess ismijiet fejn skont l-intimat f'dawk il-proceduri r-rikorrenti ddikjara li l-intimat huwa debitur tieghu fl-ammont ta' €26,065. Il-Qorti rat li fl-atti ma gietx prezentata kopja ta' l-atti tal-allegat mandat u ghalhekk il-Qorti ma tistax tivverifika jekk hux minnu jew le li r-rikorrent Indri Abela ressaq pretensjonijiet diversi dwar l-ammont dovut mill-intimat lilu. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Ammont dovut mill-intimat Piscopo:</u>**

Illi kif gia deciz aktar il' fuq mill-ammont originali globali ta' €33,565.93 ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' €6,000 flimkien mal-VAT fuq l-istess li jirrapprezentaw 'generator; li rrizulta li qieghed fil-pussess tal-intimat Pawlu Piscopo, u konsegwentement l-ammont ta' €15,000 li thallsu waqt il-mori tal-kawza u li fl-atti giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni f'dan is-sens - €33,565.93 - €7,080 'generator' - €15,000 (riduzzjoni) = €11,485.93.

Ghaldaqstant l-intimat Pawlu Piscopo ghandu jhallas lir-rikorrent is-somma ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin Euro u tlieta u disghin centezmu (€11,485.93).

Dwar l-interessi ghandu jinghad li r-rikorrent qed jitlob li dawn jithallsu lilu mill-1 ta' Marzu, 2011. Il-Qorti tinnota li malgrad li fl-atti ssir referenza ghal ittra ufficjali li allegatament ntbaghtet mir-rikorrent lill-intimat ma giet ipprezentata ebda evidenza taghha fl-atti. Apparti minn hekk irrizulta li wiehed mill-oggetti mitluba

mir-rikorrenti ma kienx dovut hlas ghalieh u ghalhekk l-ammont mitlub ma kienx cert, likwidu u dovut u qed jigi fil-fatt likwidat u accertat llum permezz tad-decizjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-intimat bhala sorvolata stante li fl-atti gie kjamat in kawza Darren Debono izda tillibera lill-istess Darren Debono mill-osservanza tal-gudizzju stante li rrizulta li ma hemm l-ebda ammont dovut direttament minnu lir-rikorrent;

2. Tilqa' limitatament it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat Piscopo fir-rigward ta' wiehed mill-'generators' filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-intimat Pawlu Piscopo wahdu ghandu jhallas lir-rikorrent s-somma kumplessiva ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€11,485.93) vat inkluz.

4. Tilqa' t-tieni talba limitatament u tikkundanna lill-intimat Piscopo sabiex jhallas is-somma kumplessiva ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin

centezmu (€11,485.93) vat inkluz, bl-imghax dovut mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Pawlu Piscopo.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2021**